# Tifkira

Meta kont għadni tfal
U f'ħoġrok kont insib kulma nixtieq,
U niftakar, darba minnhom,
Fil-wens tal-bitħa sajfija
Għad-dell tal-lewża għammilija,
ħarġet minn fommi l-mistoqsija:
"Meta mmutu, bilfors il-ġenna
ċrridu mmorru, Ma?
Għaliex ma nibqgħux dejjem hawn
Ingawdu l-kenn li tagħti din il-bitħa?"

Niftakar sew tjubitek, għax
Kif rajtni mħassba żżejjed
Fuq problema ta' dis-sura
Qbadt qtajtli fil-qosor:
"la mmutu mmorru fejn irridu,"
għedtli, -u jien u int fil-bitħa nerġgħu lura."

U issa li jien kbirt, u sibt
Il-kenn f'ħoġor ħaddieħor,
U issa li inti tlaqt
U taf tassew tweġibli l-mistoqsija,
Tinsinix minn fejn tinstabb
Sabiex fil-waqt li mfassal hemm għalija
Nkun nista' nagħraf dik it-triq moħbija
Li twassal ħdejk, fil-ġenna tat-tfulija.

*Lillian Sciberras*